KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-22 ta' Mejju 2025 [1]

Kawżi magħquda C-416/24 u C-417/24

On Air Media Professionals SRL
vs
Agenția pentru Întreprinderi Mici și Mijlocii (C-416/24)
u
Different Media SRL
vs
Ministerul Antreprenoriatului și Turismului - Agenția pentru Întreprinderi Mici și Mijlocii, Atragere de Investiții și Promovarea Exportului Iași (C-417/24)

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Regolament (UE) Nru 651/2014 – Eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Żball ta' traduzzjoni fil-verżjoni Rumena – Effetti legali tar-regolament li jirrettifika dan l-iżball – Possibbiltà ta' rkupru ta' għajnuna mogħtija qabel ir-rettifika abbażi tal-verżjoni tar-regolament li tinkludi l-imsemmi żball"

I. Introduzzjoni

1. X'inhu d-destin ta' miżuri ta' għajnuna mogħtija minn Stat Membru abbażi ta' verżjoni lingwistika żbaljata ta' regolament tal-Kummissjoni Ewropea, iżda li ġiet ippubblikata regolarment f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*? Din hija d-domanda li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, essenzjalment, tirrispondi f'din il-kawża, peress li r-Rumanija tat, abbażi tal-verżjoni Rumena tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 [2] (iktar 'il quddiem ir-"RĠEK"), ċerta għajnuna lil impriżi li ma kellhomx jibbenefikaw minnha.

2. Mistoqsija jekk, f'tali sitwazzjoni, Stat Membru huwiex obbligat jipproċedi għall-irkupru ta' tali għajnuna, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tispeċifika l-portata ta' diversi prinċipji relatati mal-pubblikazzjoni u mal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fid-dawl tas-sistema lingwistika tal-Unjoni Ewropea.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU 2014, L 187, p. 1, rettifika fil-ĠU 2023, L 137, p. 71).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-RĠEK

3. Il-premessa 14 tar-RĠEK tiddikjara:

"Għajnuna mogħtija lil intrapriżi f'diffikultà għandha tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi din l-għajnuna għandha tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi f'diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004 kif estiżi mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004 jew il-Linji Gwida suċċessivi, biex dawn ma jkunx hemm min idur magħhom, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ċerti diżastri naturali jikkawżaw. Biex ikun hemm ċertezza legali, ikun xieraq li jkunu stabbiliti kriterji ċari li ma jeħtiġux valutazzjoni tal-partikularitajiet kollha tas-sitwazzjoni ta' impriża biex ikun determinat jekk impriża hix ikkunsidrata li tinsab f'diffikultà għall-finijiet ta' dan ir-Regolament."

4. L-Artikolu 1(4)(c) ta' dan ir-regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jistabbilixxi:

"Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

[…]

(c) għajnuna lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali."

5. L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, fl-ewwel sentenza tal-punt 18(a) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

18. 'intrapriża f'diffikultà' tfisser intrapriża li sseħħ fir-rigward tagħha mill-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra [impriża żgħira jew ta' daqs medju (SME)] li tkun ilha teżisti għal *anqas minn* tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li fi żmien 7 snin minn meta l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħha jikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat […]" [3]

[3] Korsiv miżjud minni.

6. F'dak li jirrigwarda din id-dispożizzjoni, it-termini "li tkun ilha teżisti għal *anqas minn* tliet snin" ġew tradotti, fil-verżjoni Rumena, bi "li tkun ilha teżisti għal *tal-inqas* tliet snin" [4].

2. Ir-Regolament (UE) 2021/452

7. Il-premessi 1 u 2 tar-Regolament (UE) 2021/452 [5] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' rettifika") jiddikjaraw:

"(1) Il-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-[RĠEK] fiha żbalji fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(18)(a) u fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(18)(b) li jbiddlu t-tifsira tad-dispożizzjonijiet.

(2) Għalhekk, il-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-[RĠEK] jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati."

8. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi:

"Ir-[RĠEK] huwa rrettifikat kif ġej:

1 L-ewwel sentenza tal-punt 18(a) tal-Artikolu 2 hija ssostitwita b'dan li ġej: 'Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li fi żmien 7 snin minn meta l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħha jikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat.'

[…]"

9. L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu [fil-Ġurnal Uffiċjali]."

3. Id-Deċiżjoni C(2020) 5949 final

10. Permezz tad-Deċiżjoni C(2020) 5949 final [6], il-Kummissjoni awtorizzat l-iskema ta' għajnuna mill-Istat intitolata "Appoġġ għas-SME u għall-impriżi l-kbar sabiex jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19" (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali"), li r-Rumanija kkomunikatilha fl-20 ta' Awwissu 2020.

[4] Korsiv miżjud minni.

[5] Regolament tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2021 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU 2021, L 89, p. 1).

[6] Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.58166 (2020/N) – ir-Rumanija – COVID-19: Appoġġ għas-SME u għall-impriżi l-kbar sabiex jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 (ĠU 2020, C 302, p. 1).

11. Il-premessi 16 u 47 ta' din id-deċiżjoni jiddikjaraw:

"16. Ma tista' tingħata ebda għajnuna abbażi tal-miżura lil impriżi f'diffikultà fis-sens tar-Regolament ġenerali ta' eżenzjoni skont il-kategorija ('RĠEK'), tar-Regolament ta' eżenzjoni skont il-kategorija fis-settur agrikolu ('REKA') [7] jew tar-Regolament ta' eżenzjoni skont il-kategorija għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ('REKS') [8] fil-31 ta' Diċembru 2019.

[…]

47. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-miżura hija neċessarja, xierqa u proporzjonata sabiex tirrimedja disturb gravi tal-ekonomija ta' Stat Membru u li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-Qafas Temporanju. B'mod partikolari:

[…]

- Ma tista' tingħata ebda għajnuna abbażi tal-miżura lil impriżi li diġà kienu f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 (ara l-premessa 16). Għalhekk il-miżura hija konformi mal-punt 22(c) tal-Qafas Temporanju; [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[…]"

B. Id-dritt Rumen

1. L-OUG Nru 130/2020

12. L-Artikolu 4(1) tal-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 130/2020 privind unele măsuri pentru acordarea de sprijin financiar din fonduri externe nerambursabile, aferente Programului operațional Competitivitate 2014-2020, în contextul crizei provocate de COVID-19, precum și alte măsuri în domeniul fondurilor europene (id-Digriet Governattiv ta' Emerġenza Nru 130 dwar Ċerti Miżuri Intiżi li Jagħtu Għajnuna Finanzjarja minn Sussidju Estern, b'Rabta mal-Programm Operattiv fil-Qasam tal-Kompetittività 2014-2020 (POC 2014-2020), fil-Kuntest tal-Kriżi Kkawżata mill-COVID-19, kif ukoll Miżuri Oħra fil-Qasam tal-Fondi Ewropej), tal-31 ta' Lulju 2020 [9] (iktar 'il quddiem id-"DGE Nru 130/2020"), jistabbilixxi:

"Il-mikrosussidji għandhom jammontaw għal EUR 2 000 u għandhom jingħataw darba waħda biss, fil-forma ta' ammont f'daqqa, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 [ĠU 2013, L 347, p. 289, rettifika fil-ĠU 2016, L 330, p. 25], kif emendat, u skont l-Artikolu 67(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew

7 Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 193, p. 1).

8 Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 369, p. 37).

9 *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 705, tas-6 ta' Awwissu 2020.

għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 [ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifiki fil-ĠU 2016, L 200, p. 140, fil-ĠU 2019, L 66, p. 6 u fil-ĠU 2022, L 146, p. 155]."

13. Skont l-Artikolu 6 tad-DGE Nru 130/2020, il-mikrosussidji previsti fl-Artikolu 4(1) ta' dan id-digriet governattiv ta' emerġenza għandhom jingħataw, abbażi ta' kuntratt ta' għajnuna mill-Istat, lill-benefiċjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin b'mod kumulattiv: a) ikunu eżerċitaw attività kurrenti/operattiva matul tal-inqas sena kalendarja qabel id-data li fiha titressaq it-talba ta' finanzjament, b'eċċezzjoni tal-PFA/CMI li għaliha l-bidu tal-attività jista' jseħħ mhux iktar tard mill-1 ta' Frar 2020; b) ikunu kisbu dħul mill-bejgħ matul is-sena finanzjarja preċedenti għat-tressiq tat-talba ta' finanzjament tal-inqas tal-ekwivalenti f'lei Rumeni (RON) ta' EUR 5 000 fid-data li fiha titressaq it-talba ta' finanzjament, b'eċċezzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat prevista fl-Artikolu 5(1)(a), benefiċjarji li nħolqu fl-2019, bi dħul mill-bejgħ ta' inqas minn EUR 5 000, li għalihom il-limitu minimu ta' dħul mill-bejgħ jiġi kkalkolat billi n-numru ta' xhur sħaħ ta' attività tal-2019 jiġi mmultiplikat bl-ammont ta' EUR 415, u tal-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat previsti fl-Artikolu 5(1)(b) u (c); c) iżommu l-attività tagħhom matul perijodu ta' mhux inqas minn sitt xhur mill-għoti ta' appoġġ fil-forma ta' mikrosussidji.

14. L-Artikolu 32 tad-DGE Nru 130/2020 jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li r-regoli dwar l-għoti tal-għajnuna mill-Istat huma previsti fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna mill-Istat – Appoġġ għas-SME, ippreżentata għall-opinjoni tal-Kummissjoni u, fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-emenda u/jew iż-żieda tal-iskema ta' għajnuna mill-Istat – Appoġġ għas-SME tieħu effett mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni.

2. Id-Digriet Nru 1060/2857/2020

15. L-Artikolu 3 tal-Anness tal-Ordinul nr. 1060/2857/2020 pentru aprobarea Schemei de ajutor de stat – Sprijin pentru IMM-uri în vederea depășirii crizei economice generate de pandemia de COVID-19 (id-Digriet Nru 1060/2857/2020 għall-Approvazzjoni tal-Iskema ta' Għajnuna mill-Istat – Appoġġ għas-SME sabiex Jegħlbu l-Kriżi Ekonomika u Finanzjarja Kkawżata mill-Pandemija tal-COVID-19), tat-8 ta' Settembru 2020[10] (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 1060/2857/2020"), maħruġ mill-Ministerul Economiei, Energiei și Mediului de Afaceri (il-Ministeru għall-Ekonomija, għall-Enerġija u għall-Qasam tan-Negozju, ir-Rumanija) u mill-Ministerul Fondurilor Europene (il-Ministeru tal-Fondi Ewropej, ir-Rumanija), jinkludi d-definizzjoni li ġejja:

"[…]

3.6 'impriżi f'diffikultà' – skont il-punt 18(a) tal-Artikolu 2 tar-[RĠEK], impriża titqies li tinsab f'diffikultà fis-sitwazzjonijiet li ġejjin: i) fil-każ ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal tal-inqas tliet snin), fejn iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa b'riżultat ta' telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u mill-elementi kollha l-oħra ġeneralment meqjusa li jagħmlu parti mill-fondi proprji tal-kumpannija) iwassal għal ammont akkumulat negattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni,

[10] *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 835 tal-11 ta' Settembru 2020.

‘kumpannija b’responsabbiltà limitata’ tirreferi b’mod partikolari għat-tipi ta’ impriżi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [11] u l-‘kapital azzjonarju’ jinkludi, jekk ikun il-każ, il-primjums ta’ ishma […]”.

16. Skont il-punt 6.19 ta’ dan l-anness, il-kriterji ġenerali ta’ eliġibbiltà sabiex wieħed jibbenefika minn finanzjament taħt il-miżuri ta’ din l-iskema ta’ għajnuna mill-Istat huma dawn li ġejjin: a) il-benefiċjarji ma jkunux jinsabu, fil-31 ta’ Diċembru 2019, fi stat ta’ diffikultà fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK; b) ebda deċiżjoni ta’ rkupru ta’ għajnuna mill-Istat ma tkun inħarġet jew ġiet eżegwita fil-konfront tagħhom; c) ma jkunux suġġetti għal arranġament mal-krediturі, għal proċeduri ta’ stralċ, ta’ insolvenza jew ta’ falliment.

3. Id-Digriet Nru 2989/2020

17. Il-punt 8.11 tal-Ordinul nr. 2989/2020 privind aprobarea Procedurii de implementare a măsurii “Microgranturi acordate din fonduri externe nerambursabile” din cadrul schemei de ajutor de stat instituite prin Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 130/2020 privind unele măsuri pentru acordarea de sprijin financiar din fonduri externe nerambursabile, aferente Programului operațional Competitivitate 2014 – 2020, în contextul crizei provocate de COVID-19, precum și alte măsuri în domeniul fondurilor europene (id-Digriet Nru 2989/2020 dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura tal-Implimentazzjoni tal-Miżura “Mikrosussidji Mogħtija minn Fondi Esterni li Ma Jistgħux Jiġu Rrimborsati” fil-Kuntest tal-Iskema ta’ Għajnuna mill-Istat Stabbilita mid-DGE Nru 130/2020), tat-30 ta’ Settembru 2020[12], jistabbilixxi, essenzjalment, li għajnuna mill-Istat għandha tiġi rkuprata kollha kemm hi jekk, wara l-verifiki mwettqa wara l-iffirmar tal-kuntratti ta’ finanzjament, jiġi kkonstatat li l-benefiċjarju ma jaqax taħt il-kategorija tal-benefiċjarji eliġibbli previsti fid-DGE Nru 130/2020.

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Fl-20 ta’ Awwissu 2020, ir-Rumanija kkomunikat l-iskema ta’ għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni awtorizzat din l-iskema ta’ għajnuna permezz tad-Deċiżjoni C (2020) 5949 final.

19. Skont il-premessa 16 ta’ din id-deċiżjoni, ma setgħet tingħata ebda għajnuna, abbażi tal-iskema awtorizzata, lil impriżi li kienu f’diffikultà, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK, fil-31 ta’ Diċembru 2019. Kif jirriżulta mill-premessa 47 tal-imsemmija deċiżjoni, din kienet waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni sabiex tkun tista’ tiddikjara l-iskema ta’ għajnuna, neċessarja, xierqa u proporzjonata u għalhekk kompatibbli mas-suq intern.

20. Wara l-komunikazzjoni tad-Deċiżjoni C(2020) 5949 final, l-iskema ta’ għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet implimentata permezz tad-Digriet Nru 1060/2857/2020.

21. L-Artikolu 4(1) ta’ dan id-digriet kien jipprevedi l-għoti ta’ għajnuna f’ammont massimu ekwivalenti għal EUR 2 000 għal kull benefiċjarju għal ċerti kategoriji ta’ SME.

[11] Direttiva tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU 2013, L 182, p. 19).

[12] *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 902 tal-5 ta’ Ottubru 2020.

22. Skont id-Deċiżjoni C(2020) 5949 final, wieħed mill-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà li kellhom jiġu ssodisfatti mill-benefiċjarji li jitolbu finanzjament kien, skont il-punt 6.19 tal-Anness tal-imsemmi digriet, li ma jkunux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK. Id-definizzjoni ta' "intrapiża f'diffikultà", mogħtija f'dan l-artikolu, kienet imfakkra fil-punt 3.6(i) ta' dan l-anness tal-istess digriet, u kienet teskludi mill-kamp tiegħu s-SME "li [jkunu ilhom jeżistu] għal tal-inqas 3 snin".

23. Fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali, On Air Media Professionals u Different Media, kumpanniji b'responsabbiltà limitata rregolati mid-dritt Rumen, ikkonkludew, fl-10 ta' Diċembru 2020, kuntratti ta' finanzjament li permezz tagħhom kull waħda minnhom ibbenefikat minn mikrosussidju fl-ammont ta' RON 9 679 (madwar EUR 1 945), intiż sabiex jgħinhom jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-COVID-19.

24. Sussegwentement, kull waħda minn dawn il-mikrosussidji kienet is-suġġett ta' deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat, tat-8 ta' Novembru u tat-18 ta' Ottubru 2022. L-awtoritajiet Rumeni qiesu li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kinux jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet legali sabiex jibbenefikaw mill-għajnuna inkwistjoni, minħabba li, fil-31 ta' Diċembru 2019, kienu "impriżi f'diffikultà", fis-sens tal-punt 3.6(i) tal-Anness tad-Digriet Nru 1060/2857/2020, peress li t-telf ta' kapital irreġistrat minn dawn il-kumpanniji f'din id-data kien jaqbeż sewwa l-kapital sottoskritt tagħhom.

25. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikorsi kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem it-Tribunalul Neamț (il-Qorti tal-Kontea ta' Neamț, ir-Rumanija). Huma sostnew li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha previsti għall-kisba tal-mikrosussidji u, b'mod partikolari, li ma kellhomx il-karatteristiċi ta' impriżi f'diffikultà, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK. Fil-fatt, skonthom, dawn id-dispożizzjonijiet jeskludu mill-kategorija tal-"impriżi f'diffikultà" is-"SME li [jkunu ilhom jeżistu] għal tal-inqas tliet snin". Issa, ir-rikorrenti kienu ilhom jeżistu għal tlettax u tmintax-il sena, rispettivament, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' finanzjament tagħhom.

26. It-Tribunalul Neamț (il-Qorti tal-Kontea ta' Neamț) ċaħad dawn ir-rikorsi. Dik il-qorti bbażat ruħha fuq il-fatt li l-verżjoni Rumena tar-RĠEK kienet ġiet irrettifikata permezz tar-Regolament ta' rettifika, wara l-għoti tal-għajnuna, li għaldaqstant kien jistabbilixxi li huma biss SME li jkunu ilhom jeżistu għal *inqas minn* tliet snin, u mhux, bħal fil-verżjoni inizjali, SME li jkunu ilhom jeżistu għal *tal-inqas* tliet snin, li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "impriżi f'diffikultà" u għaldaqstant huma eliġibbli għall-għajnuna inkwistjoni.

27. Dik il-qorti ddeċidiet li r-Regolament ta' rettifika ma kienx emenda r-RĠEK iżda rrettifika l-verżjoni Rumena tiegħu, peress li l-verżjoni oriġinali, bl-Ingliż, kienet tirreferi, sa mill-adozzjoni tiegħu, għall-impriżi "li jkunu ilhom jeżistu *inqas minn* tliet snin". Konsegwentement, hija applikat il-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK, irrettifikat permezz tar-Regolament ta' rettifika, u kkonstatat li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kinux jissodisfaw il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà fid-data tat-talbiet tagħhom.

28. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw appelli ta' kassazzjoni quddiem il-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău, ir-Rumanija), il-qorti tar-rinviju.

29. Huma jsostnu, fl-ewwel lok, li hija l-emenda introdotta permezz tar-Regolament ta' rettifika, li seħħet f'Marzu 2021, iktar minn tliet xhur wara l-iffirmar tal-kuntratt u iktar minn xahrejn wara l-użu tas-sussidji għax-xiri ta' tagħmir neċessarju għall-impriżi, li hija l-bażi tad-deċiżjonijiet ta' rkupru. Konsegwentement, huma jikkritikaw lill-qorti tal-ewwel istanza li għamlet applikazzjoni retroattiva ta' din id-dispożizzjoni.

30. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkontestaw il-kunċett ta' "verżjoni oriġinali tar-Regolament", li jinsab fil-motivi tas-sentenza tal-ewwel istanza. Huma jqisu li dan il-kunċett ma għandux bażi legali, peress li l-lingwa Rumena hija waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, bl-istess mod bħal kwalunkwe waħda mit-23 lingwa l-oħra.

31. Fit-tielet lok, huma jirrilevaw li, fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' finanzjament, il-verżjoni Rumena tar-RĠEK kienet ilha fis-seħħ mingħajr emenda għal iktar minn sitt snin u li t-test ta' dan ir-regolament kien perfettament konformi mal-atti normattivi inċidentali l-oħra kollha f'dan il-każ, b'mod partikolari d-Digriet Nru 1060/2857/2020, li kien fih test identiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huma jsostnu li ppreżentaw it-talba tagħhom għal għajnuna mill-Istat, iffirmaw il-kuntratt ta' finanzjament u eżegwewh b'*bona fides* sħiħa.

32. Il-qorti tar-rinviju tqis li għandha taqta' l-kwistjoni jekk l-effett tal-adozzjoni ta' regolament, jiġifieri r-Regolament ta' rettifika, li jirrettifika l-verżjoni uffiċjali ta' regolament tal-Unjoni b'lingwa waħda huwiex l-applikazzjoni retroattiva tal-verżjoni rrettifikata mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament inizjali, jew jekk din tipproduċix effetti biss mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' rettifika.

33. Hija tistaqsi wkoll jekk il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludux l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija b'osservanza tal-kundizzjonijiet li kienu jinsabu inizjalment fil-verżjoni Rumena, f'kuntest bħal dak ta' din il-kawża.

34. Fl-aħħar nett, hija tosserva li l-ġurisprudenza nazzjonali ma hijiex uniformi fuq dawn il-kwistjonijiet.

35. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-adozzjoni ta' regolament li jikkoreġi l-verżjoni uffiċjali bir-Rumen ta' regolament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri r-[Regolament ta' rettifika], għandha bħala effett l-applikazzjoni retroattiva tal-verżjoni kkorreġuta, mid-dħul fis-seħħ tar-regolament inizjali, jew tipproduċi effetti esklużivament għall-futur, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament li jikkoreġi, fil-każ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu taw għajnuna mill-Istat konformement mal-kundizzjonijiet previsti mill-verżjoni inizjali bir-Rumen tar-[RĠEK], u jkunu talbu, bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament [ta' rettifika], l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija?

2) L-ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi ta' regolament tal-Unjoni tfisser li l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat membru jistgħu jinvokaw, fir-rigward ta' benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat mogħtija konformement mal-verżjoni inizjali bir-Rumen tar-[RĠEK], id-dispożizzjonijiet tar-Regolament [ta' rettifika] li jikkoreġi l-verżjoni bir-Rumen tar-Regolament Nru 651/2014 sabiex jitolbu l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat, fl-assenza ta' kull ħtija min-naħa tal-benefiċjarju tal-għajnuna?

3) Id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija b'konformità mal-kundizzjonijiet inizjalment eżistenti fil-verżjoni bir-Rumen, kundizzjonijiet li iżda ma kinux jeżistu fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tar-[RĠEK], bil-korrezzjoni sseħħ permezz tar-Regolament [ta' rettifika] fil-verżjoni bir-Rumen wara l-għoti tal-għajnuna mill-Istat?"

36. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Lulju 2024, il-Kawżi C-416/24 u C-417/24 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-fażijiet bil-miktub u orali tal-proċedura u kif ukoll tas-sentenza.

37. Il-Kummissjoni ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub. Ma nżammitx seduta.

IV. Analiżi

A. Rimarki preliminari

38. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament ta' rettifika jwassalx għall-applikazzjoni tal-verżjoni lingwistika kkoreġuta b'mod retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-RĠEK li huwa jikkoreġi jew jekk jipproduċix effetti biss għall-futur.

39. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, hija tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi jippermettix lil Stat Membru jinvoka, kontra l-benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat mogħtija abbażi tal-verżjoni lingwistika żbaljata tar-RĠEK, il-verżjoni tar-RĠEK ikkoreġuta permezz tar-Regolament ta' rettifika sabiex jitlob l-irkupru ta' din l-għajnuna.

40. Fl-aħħar nett, permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, hija tfittex, essenzjalment, li tistabbilixxi jekk il-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lill-benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat mogħtija abbażi ta' verżjoni lingwistika żbaljata tar-RĠEK li jevita l-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna inkwistjoni.

41. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel domanda għandha aspett ta' prinċipju u tfittex li tidentifika l-effetti *ratione temporis* ta' regolament ta' rettifika li jikkoreġi żball ta' traduzzjoni fir-RĠEK. Min-naħa tagħhom, it-tieni u t-tielet domanda jirrigwardaw, fuq livell prattiku, l-implikazzjonijiet ta' tali regolament ta' rettifika fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna li ngħataw abbażi tal-verżjoni żbaljata li huwa jikkoreġi. Fi kliem ieħor, it-tnejn li huma għandhom bħala suġġett il-kwistjoni tal-portata ta' tali regolament ta' rettifika, li tista' tiġi ddeterminata kompletament biss billi tiġi eżaminata l-possibbiltà, kemm għall-Istat Membru li l-lingwa uffiċjali tiegħu kienet dik tal-verżjoni żbaljata tar-RĠEK kif ukoll għall-individwi, li jinvokaw il-korrezzjoni prevista minn dan ir-regolament ta' rettifika, u minn liema mument.

42. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li huwa opportun li qabelxejn neżamina l-ewwel domanda preliminari, qabel ma nanalizza, flimkien, it-tieni u t-tielet domanda preliminari.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

43. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament ta' rettifika għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika, b'mod retroattiv, mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-RĠEK.

44. Il-Kummissjoni ssostni, f'dan ir-rigward, li r-Regolament ta' rettifika jipprevedi, fl-Artikolu 2 tiegħu, li huwa jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. L-imsemmi regolament għalhekk jipproduċi effetti biss għall-futur. Madankollu, dan ma jfissirx li, għall-perijodu bejn id-dħul fis-seħħ tal-att inizjali u d-dħul fis-seħħ tal-att ta' rettifika, għandhom japplikaw regoli differenti skont il-verżjoni lingwistika inkwistjoni, sa fejn dan jippreġudika l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

45. Għalkemm il-pożizzjoni tal-Kummissjoni tidher, *prima facie*, pjuttost kumplessa, fil-fehma tiegħi, dan huwa dovut għall-fatt li ma huwiex faċli li tingħata risposta univoka għall-kwistjoni tal-effetti *ratione temporis* ta' regolament ta' rettifika intiż li jikkoreġi żball ta' traduzzjoni f'verżjoni lingwistika tar-RĠEK mingħajr analiżi iktar iddettaljata tal-prinċipji li jirregolaw il-pubblikazzjoni tal-atti tad-dritt sekondarju fl-Unjoni u l-applikazzjoni li tirriżulta minnhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-ispeċifiċità tas-sistema lingwistika tal-Unjoni [13].

46. Għalhekk inqis li jkun utli li nfakkar fil-qosor dawn il-prinċipji [14] kif ukoll il-ġurisprudenza relatata magħhom, qabel ma neżamina l-kwistjoni tal-effetti *ratione temporis* ta' regolament, bħar-Regolament ta' rettifika inkwistjoni fil-kawża prinċipali, intiż li jirrettifika żball ta' traduzzjoni f'regolament inizjali.

1. Prinċipji dwar il-pubblikazzjoni tal-atti tad-dritt tal-Unjoni u l-applikazzjoni sussegwenti tiegħu

47. Qabelxejn, in-neċessità ta' pubblikazzjoni tal-atti tad-dritt tal-Unjoni tirriżulta mill-kliem stess tat-Trattat FUE. Kif tenfasizza l-Qorti tal-Ġustizzja, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 297 TFUE jirriżulta li regolament jista' jkollu effetti legali biss jekk ikun ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali [15].

48. Barra mill-kliem stess tat-Trattati, dan ir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni jirriżulta, loġikament, mill-prinċipju ta' ċertezza legali, li jeżiġi li leġiżlazzjoni tal-Unjoni tippermetti lill-persuni interessati jkunu jafu bi preċiżjoni l-portata tal-obbligi li hija timponi fuqhom [16].

49. Barra minn hekk, għalkemm in-neċessità ta' pubblikazzjoni ta' att għal raġunijiet ta' ċertezza legali hija rekwiżit komuni għas-sistemi ġuridiċi kollha tal-Istati Membri, hija timmanifesta ruħha b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda d-dritt tal-Unjoni, minħabba l-kuntest lingwistiku li fih dan tal-aħħar huwa intiż li japplika.

[13] Infakkar li l-Unjoni għandha 24 lingwa uffiċjali u s-sistema lingwistika tagħha hija ddefinita permezz tar-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3).

[14] Għal analiżi ddettaljata ta' dawn il-prinċipji, ara Bobek, M., "The Binding Force of Babel: the Enforcement of EC Law Unpublished in the Languages of the New Member States", *Cambridge Yearbook of European Legal Studies*, Vol. 9, 2006-2007, kif ukoll Kalėda S. L., *Przejęcie prawa wspólnotowego przez nowe państwo członkowskie: zagadnienia przejściowe i międzyczasowe*, WPiPG, Varsavja, 2003.

[15] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, EU:C:2007:773, punt 33).

[16] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, EU:C:2007:773, punt 38).

50. Għaldaqstant, it-Trattati jipprovdu li t-testi mfassla f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali huma ugwalment awtentiċi, filwaqt li r-Regolament Nru 1 jistabbilixxi li r-regolamenti għandhom jiġu fformulati fil-lingwi uffiċjali. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' test tal-Unjoni għandhom, bħala prinċipju, jingħataw l-istess valur [17]. Dan il-prinċipju ta' ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi, b'rabta maċ-ċertezza legali, għalhekk jippreżupponi li l-pubblikazzjoni regolari ta' regolament fir-rigward ta' Stat Membru li l-lingwa tiegħu hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni għandha tinftiehem bħala l-pubblikazzjoni ta' dan l-att, f'din il-lingwa, fil-Ġurnal Uffiċjali [18] u li, barra minn hekk, tali pubblikazzjoni regolari hija kundizzjoni għall-infurzabbiltà tat-test inkwistjoni fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridici [19].

51. Barra milli jiggarantixxi ċ-ċertezza legali, tali prinċipju jippermetti li jiġu żgurati l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, sa fejn minnu jirriżulta li kull verżjoni lingwistika tal-istess test ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tirċievi l-istess tifsira f'kull Stat Membru u li verżjoni lingwistika ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax tingħata prijorità fuq verżjoni lingwistika oħra [20]. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi, sa fejn tippermetti applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, tippreżupponi wkoll li, fil-każ ta' diverġenzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni, din tal-aħħar għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element [21].

52. Fl-aħħar nett, sa fejn, kif enfasizzajt, il-pubblikazzjoni ta' att tad-dritt tal-Unjoni tikkundizzjona li dan l-att jipproduċi effetti legali, hija tippermetti wkoll, bħala regola ġenerali, li jiġi ddeterminat il-mument li fih dawn l-effetti jidħlu fis-seħħ. Fil-fatt, l-Artikolu 297 TFUE jipprovdi li l-atti tad-dritt tal-Unjoni għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data indikata fihom jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu taċċetta ċerta flessibbiltà f'dak li jirrigwarda t-teħid ta' effett ta' att tad-dritt tal-Unjoni b'rabta mal-pubblikazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li r-regoli sostantivi tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati, sabiex tiġi ggarantita l-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi, fis-sens li japplikaw għal sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom biss sa fejn mill-kliem, mill-iskopijiet jew mill-istruttura tagħhom jirriżulta b'mod ċar li dawn għandhom jingħataw tali effett [22].

54. Fi kliem ieħor, in-nuqqas ta' retroattività ta' att tad-dritt tal-Unjoni jibqa' l-prinċipju, peress li l-effetti tiegħu huma kkundizzjonati mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. Jibqa' l-fatt li, f'ċerti każijiet eċċezzjonali u taħt kundizzjonijiet iddefiniti strettament mill-ġurisprudenza, jista' jiġi aċċettat li att tad-dritt tal-Unjoni jipproduċi effetti legali f'mument qabel il-pubblikazzjoni tiegħu.

[17] Sentenzi tal-20 ta' Novembru 2003, Kyocera (C-152/01, EU:C:2003:623, punt 32), u tal-15 ta' Ġunju 2023, Saint-Louis Sucre (Rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' produtturi) (C-183/22, EU:C:2023:486, punt 28).

[18] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, EU:C:2007:773, punt 34).

[19] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, EU:C:2007:773, punt 37).

[20] Sentenzi tat-28 ta' Novembru 2024, Másdi (C-169/23, EU:C:2024:988, punt 42), kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2023, Rivière *et* vs Il-Parlament (C-767/21 P, EU:C:2023:987, punt 47).

[21] Sentenzi tat-13 ta' Frar 2025, Verbraucherzentrale Berlin (Kunċett ta' perijodu inizjali ta' impenn) (C-612/23, EU:C:2025:82, punt 31), u tat-28 ta' Novembru 2024, Másdi (C-169/23, EU:C:2024:988, punt 42).

[22] Sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2022, Volvo u DAF Trucks (C-267/20, EU:C:2022:494, punt 31), u tal-21 ta' Diċembru 2021, Skarb Państwa (Kopertura tal-assigurazzjoni tal-karozzi) (C-428/20, EU:C:2021:1043, punt 33). Ara wkoll is-sentenza tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran) (C-611/17, EU:C:2019:332, punt 106).

2. L-effetti ratione temporis tar-Regolament ta' rettifika

55. Infakkar li, f'dan il-każ, ir-Regolament ta' rettifika jfittex li jikkoreġi żball ta' traduzzjoni fil-verżjoni Rumena tar-RĠEK, f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kamp tal-benefiċjarji potenzjali ta' ċerta għajnuna mill-Istat. Fi kliem ieħor, l-iżball ta' traduzzjoni wassal għal żball fis-sustanza tad-dispożizzjoni inkwistjoni, mingħajr madankollu ma dan l-iżball iwassal, *prima facie*, għal diffikultà ta' interpretazzjoni tat-test peress li l-formulazzjoni tiegħu, għalkemm żbaljata, hija ċara.

56. Ir-Regolament ta' rettifika għalhekk jippermetti li l-verżjoni Rumena tar-RĠEK tiġi allinjata mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra u li jiġi kkoreġut l-iżball sostanzjali li kien jirriżulta minnha.

57. Għandu għalhekk jiġi ddeterminat jekk din il-korrezzjoni għandhiex titqies li tipproduċi effetti biss għall-futur, wara d-dħul fis-seħħ tagħha, jew jekk tistax tiġi interpretata fis-sens li l-verżjoni Rumena tar-RĠEK għandha tinqara fil-verżjoni kkoreġuta tagħha mid-dħul fis-seħħ tar-RĠEK u, għalhekk, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' rettifika.

58. Kif tirrileva l-Kummissjoni, ir-Regolament ta' rettifika jipprevedi, fl-Artikolu 2 tiegħu, id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, li huwa jistabbilixxi għall-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. Madankollu, kif enfasizzajt [23], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li l-mument tad-dħul fis-seħħ ta' att ma jikkoinċidix neċessarjament ma' dak tat-teħid ta' effett tiegħu, peress li, taħt ċerti kundizzjonijiet, jista' jiġi rrikonoxxut li dan l-att għandu effett retroattiv.

59. Jidhirli li dan għandu jkun il-każ fil-każ inkwistjoni. Għaldaqstant, minn naħa, ma hemmx dubju li, bil-korrezzjoni tal-iżball ta' traduzzjoni eżistenti fil-verżjoni Rumena tar-RĠEK permezz tal-adozzjoni tar-Regolament ta' rettifika, l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jippermetti li s-sustanza tal-verżjoni Rumena ma tibqax differenti b'mod żbaljat mill-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Fi kliem ieħor, ir-Regolament ta' rettifika jfittex li jilħaq għan ta' interess ġenerali, jiġifieri l-koerenza tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, li jiġġustifika li dan jiġi interpretat fis-sens li jipproduċi effetti retroattivi, jew, b'mod iktar speċifiku, mid-dħul fis-seħħ tar-RĠEK li huwa jikkoreġi. Bl-istess mod, min-naħa l-oħra, l-effett retroattiv tar-Regolament ta' rettifika jirriżulta b'mod ċar mill-iskop tiegħu, peress li l-għan tiegħu huwa preċiżament li l-verżjonijiet lingwistiċi kollha tar-RĠEK ikunu jaqblu billi jitneħħa żball ta' traduzzjoni mill-verżjoni Rumena. Għalhekk la jkun effikaċi u lanqas koerenti li jitqies li din il-korrezzjoni tapplika biss għall-futur, u b'hekk jitħallew jeżistu diverġenzi għall-perijodu bejn id-dħul fis-seħħ tar-RĠEK u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' rettifika.

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li r-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun fis-sens li r-Regolament ta' rettifika għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu effett retroattiv, billi l-iżball fil-verżjoni Rumena li huwa jindika fir-RĠEK għandu jitqies li huwa kkoreġut mid-dħul fis-seħħ ta' dan it-test tal-aħħar.

[23] Ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

C. Fuq it-tieni u t-tielet domanda preliminari

61. Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament ta' rettifika li jikkoreġi l-verżjoni lingwistika Rumena tar-RĠEK għandux jiġi interpretat fis-sens li l-għajnuna mogħtija abbażi tal-verżjoni lingwistika żbaljata tar-RĠEK għandha tiġi rkuprata.

62. B'mod iktar ġenerali, dawn iż-żewġ domandi jqajmu l-kwistjoni tal-possibbiltà, kemm għall-Istat Membru kif ukoll għall-individwi, li jinvokaw ir-Regolament ta' rettifika, u, fl-affermattiv, minn liema data.

63. Issa, ma naħsibx li mis-sempliċi effett retroattiv tista' tiġi dedotta l-possibbiltà li l-Istat Membru jinvoka r-Regolament ta' rettifika sabiex jeżiġi l-irkupru tal-għajnuna mogħtija abbażi tal-verżjoni żbaljata tar-RĠEK. Kif spjegajt, il-prinċipju ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni ma huwiex l-uniku prinċipju li jirregola l-kwistjoni tal-pubblikazzjoni u tal-applikazzjoni tal-atti tad-dritt tal-Unjoni. Dan għandu jiġi rrikkonċiljat ma' prinċipji oħra, fosthom il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

1. Fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali

a) Id-diversi implikazzjonijiet tal-prinċipju ta' ċertezza legali

64. Għandi nenfasizza li l-invokazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali ma tippermettix, waħedha, li tingħata risposta ċara għall-kwistjoni tal-portata tar-Regolament ta' rettifika, mingħajr ma jiġu speċifikati minn qabel il-limiti ta' dan il-prinċipju. Fil-fatt, jidhirli li l-prinċipju ta' ċertezza legali jista', skont il-każijiet u skont il-persuna li tinvokah, iwassal għal soluzzjonijiet differenti [24].

65. B'mod iktar speċifiku, sa fejn kemm il-prinċipju ta' ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi kif ukoll il-prinċipju ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni joriġinaw, fil-kuntest tal-Unjoni, mill-prinċipju ta' ċertezza legali, l-invokazzjoni ta' dan tal-aħħar tista' twassal, f'dan il-każ, għal żewġ konklużjonijiet opposti. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, jagħtu prijorità lin-neċessità tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni sabiex jiddeċiedu li r-RĠEK bir-Rumen għandu jinqara, fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali, sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu skont il-verżjoni kkoreġuta permezz tar-Regolament ta' rettifika.

66. Bil-maqlub, l-individwi f'dan l-Istat Membru jinvokaw il-prinċipju ta' ċertezza legali sabiex jinvokaw il-verżjoni lingwistika żbaljata tar-RĠEK, qabel il-korrezzjoni tiegħu permezz tar-Regolament ta' rettifika. Fil-fehma tiegħi, huwa dan il-kunċett tal-prinċipju ta' ċertezza legali li wieħed għandu jibbaża ruħu fuqu sabiex tingħata risposta għat-tieni u t-tielet domanda preliminari, minn naħa, sa fejn dawn ifittxu preċiżament li jiddeterminaw l-effetti tar-Regolament ta' rettifika fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwi fir-Rumanija u, min-naħa l-oħra, għaliex il-prinċipju ta' ċertezza legali bħala garanti ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni għandu, f'dan il-każ, il-limiti tiegħu, għar-raġunijiet li ser nispjega.

[24] Għaldaqstant, M. Bobek jiddeskrivi l-prinċipju ta' ċertezza legali bħala "qoxra vojta" li l-kontenut tiegħu jvarja skont il-valuri li fuqhom ikun ibbażat fl-applikazzjoni tiegħu. Ara, Bobek, M., "The Binding Force of Babel: the Enforcement of EC Law Unpublished in the Languages of the New Member States", *Cambridge Yearbook of European Legal Studies*, *op. cit.*, p. 14.

b) Iċ-ċertezza legali għall-benefiċċju tal-individwi

67. Mill-prinċipju ta' ċertezza legali jirriżulta li huwa biss att ippubblikat b'mod regolari fil-Ġurnal Uffiċjali li jista' jiġi infurzat fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru u li l-pubblikazzjoni regolari ta' dan l-att fir-rigward ta' Stat Membru għandha tinftiehem bħala l-pubblikazzjoni tiegħu fil-lingwa ta' dan l-Istat Membru [25].

68. Fil-fehma tiegħi, minn din il-ġurisprudenza jistgħu jinsiltu żewġ konklużjonijiet f'dan il-każ.

69. Minn naħa, minnha jirriżulta li r-RĠEK, fil-verżjoni Rumena tiegħu vvizzjata bi żball ta' traduzzjoni, kien ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali u għalhekk kien awtentiku, bl-istess mod bħall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra kollha fl-Istati Membri l-oħra.

70. Min-naħa l-oħra, u *a contrario*, minnha jirriżulta wkoll, fil-fehma tiegħi, li l-emenda li tirriżulta mir-Regolament ta' rettifika, minkejja li tipproduċi effetti retroattivi, ma tistax, f'din is-sitwazzjoni, tiġi infurzata fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li bbażaw ruħhom fuq il-verżjoni żbaljata, iżda ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u li kienet awtentika, tar-RĠEK [26].

c) L-impossibbiltà li tintuża interpretazzjoni sistematika u teleoloġika għall-finijiet ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni

71. Il-fatt li, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' rettifika, kienet teżisti diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi ma jistax jibdel din il-konstatazzjoni. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, il-ġurisprudenza timponi, fil-każ ta' diverġenzi bejn diversi verżjonijiet lingwistiċi, li d-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata "skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tagħha tikkostitwixxi element" [27], ma naħsibx li tali interpretazzjoni hija possibbli f'dan il-każ. Fil-fehma tiegħi, l-użu ta' interpretazzjoni sistematika u teleoloġika ma huwiex mingħajr limiti, minkejja li din għandha l-għan li tiżgura l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, bħala espressjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

72. Għaldaqstant, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat din il-ġurisprudenza f'każijiet ta' diffikultajiet ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjoni, li jiġġustifikaw li jiġu kkunsidrati diversi verżjonijiet lingwistiċi u li, fil-każ ta' diverġenzi, tintuża interpretazzjoni teleoloġika u sistematika. Dan ma huwiex il-każ fil-każ inkwistjoni. Kif enfasizzajt, id-dispożizzjoni żbaljata fil-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK kienet ċara, u ma kienet tinvolvi ebda diffikultà ta' interpretazzjoni. Issa, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm tali interpretazzjoni hija bħala prinċipju possibbli sabiex tiġi riżolta ambigwità fil-formulazzjoni, hija ma jistax ikollha r-riżultat li tneħħi kull effett utli mill-formulazzjoni ċara u preċiża ta' dispożizzjoni [28]. Fi kliem ieħor, l-interpretazzjoni sistematika u teleoloġika ma tistax twassal sabiex tinbidel jew tiġi injorata it-tifsira univoka ta' dispożizzjoni li tirriżulta b'mod ċar mit-test tagħha.

[25] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, EU:C:2007:773, punti 34 u 37).

[26] Dwar dan il-punt, ara Kowalik-Bańczyk, K., "Artikolu 297", f'Kornobis-Romanowska, D., Łacny, J., Wróbel, A., *Traktat o funkcjonowaniu Unii Europejskiej. Komentarz. Tom III* (Artikoli 223-358), 2012, Varsavja.

[27] Sentenzi tat-13 ta' Frar 2025, Verbraucherzentrale Berlin (Kunċett ta' perijodu inizjali ta' impenn) (C-612/23, EU:C:2025:82, punt 31), u tat-28 ta' Novembru 2024, Másdi (C-169/23, EU:C:2024:988, punt 42).

[28] Sentenzi tal-14 ta' Novembru 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Deterjorament ta' mergħat ta' ħuxlief) (C-47/23, EU:C:2024:954, punt 141), u tal-21 ta' Marzu 2024, Gjensidige (C-90/22, EU:C:2024:252, punt 58).

73. Huwa minnu li jista' jiġi sostnut li, f'dak li jirrigwarda Stat Membru li jkun applika dispożizzjoni żbaljata ta' att tad-dritt tal-Unjoni, l-istatus tiegħu jagħtih ċertu livell ta' għarfien tal-leġiżlazzjoni li jagħtih x'jifhem li dispożizzjoni ċara tista' madankollu tkun żbaljata fil-verżjoni lingwistika tiegħu fid-dawl tal-kuntest u tal-iskop tagħha. Min-naħa l-oħra, tali għarfien ma jistax jiġi preżunt f'dak li jirrigwarda l-individwi, u għalhekk ma jistax jiġi impost fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi l-obbligu li jivverifikaw il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ta' dispożizzjoni b'formulazzjoni ċara, u li jfittxu l-iskop tagħha u l-kuntest li hija tagħmel parti minnu, minkejja li xejn, fit-test innifsu tad-dispożizzjoni, ma jinvolvi kwalunkwe diffikultà ta' interpretazzjoni.

74. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija biss il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni fil-verżjoni Rumena, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali qabel il-korrezzjoni tagħha permezz tar-Regolament ta' rettifika, li għandha tiġi infurzata fil-konfront ta' persuni ġuridiċi u fiżiċi ta' dan l-Istat Membru. B'mod korrelattiv, minn dan jirriżulta li r-Regolament ta' rettifika ma għandux, qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ikun infurzabbli fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-Istat Membru li jkunu bbenefikaw minn miżuri ta' għajnuna mogħtija abbażi tal-verżjoni lingwistika żbaljata tar-RĠEK.

75. Dan japplika iktar u iktar fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

2. Fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

76. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod kostanti li d-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jippreżupponi li jkunu ngħataw assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli, lill-persuna interessata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni [29]. Fil-fatt, dan id-dritt huwa miftuħ għal kull parti f'kawża li jkollha tamiet fondati mnissla minn istituzzjoni, korp, jew organu tal-Unjoni, billi jkunu tawha assigurazzjonijiet preċiżi. Informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti tikkostitwixxi assigurazzjonijiet bħal dawn, tkun xi tkun il-forma li fiha tiġi kkomunikata [30].

77. F'dak li jirrigwarda d-dritt tal-għajnuna mill-Istat, il-ġurisprudenza hija madankollu restrittiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant iddeċidiet li, fid-dawl tan-natura mandatorja tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat imwettaq mill-Kummissjoni skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE, l-impriżi benefiċjarji ta' għajnuna jista' jkollhom, bħala prinċipju, aspettattivi leġittimi li l-għajnuna hija regolari biss jekk din tkun ingħatat b'osservanza tal-proċedura prevista f'dan l-artikolu [31]. B'mod partikolari, meta għajnuna tiġi implimentata mingħajr komunikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni, b'mod li tkun illegali skont l-Artikolu 108(3) TFUE, il-benefiċjarju tal-għajnuna ma jistax ikollu, f'dak il-waqt, aspettattivi leġittimi li l-għoti ta' din l-għajnuna huwa regolari [32].

78. Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi invokat kontra dispożizzjoni preċiża ta' test tad-dritt tal-Unjoni u li l-aġir ta' awtorità nazzjonali inkarigata li tapplika d-dritt tal-Unjoni, li jmur kontra dan tal-aħħar, ma jistax joħloq aspettattivi leġittimi fi ħdan operatur ekonomiku li jibbenefika minn trattament kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni [33].

[29] Sentenzi tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran) (C-611/17, EU:C:2019:332, punt 112), u tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punt 97).

[30] Sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punt 97).

[31] Sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punt 98).

[32] Sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punt 98).

[33] Sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punt 104).

79. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess ħin taċċetta l-possibbiltà, għall-benefiċjarju ta' għajnuna illegali, li jinvoka ċirkustanzi eċċezzjonali li fuqhom seta' leġittimament jibbaża l-aspettattivi tiegħu fuq in-natura regolari ta' din l-għajnuna u li, konsegwentement, jopponi l-irkupru tagħha [34].

80. Kif issostni l-Kummissjoni, jidhirli li dan huwa l-każ fil-każ inkwistjoni. Fil-fatt, minn naħa, il-verżjoni Rumena tar-RĠEK li tinkludi żball sostanzjali kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali, b'mod li kienet awtentika f'dan l-Istat Membru u għalhekk setgħet tnissel fi ħdan il-benefiċjarji tal-għajnuna aspettattivi fil-fatt li huma kienu effettivament jagħmlu parti mill-kamp tal-benefiċjarji tal-miżuri inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, nirrileva li d-dispożizzjonijiet nazzjonali, li abbażi tagħhom ingħataw il-miżuri ta' għajnuna, mhux biss jirriproduċu l-formulazzjoni eżatta tar-RĠEK fil-verżjoni Rumena żbaljata tiegħu, iżda ġew ukoll approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, nenfasizza li r-responsabbiltà għall-pubblikazzjoni regolari tat-testi fil-Ġurnal Uffiċjali taqa' fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-iżball li abbaži tiegħu l-għajnuna tħallset lill-benefiċjarji ma kienx imputabbli biss lill-awtoritajiet Rumeni li l-aġir tagħhom kellu jitqies li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll lill-Kummissjoni. Għalhekk l-amministrazzjoni tal-Unjoni nisslet, permezz ta' assigurazzjonijiet preċiżi, tamiet fondati li l-miżuri ta' għajnuna mogħtija kienu legali.

81. Fil-fehma tiegħi, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludi l-irkupru ta' għajnuna mogħtija abbażi ta' verżjoni lingwistika żbaljata tar-RĠEK ikkoreġuta permezz tar-Regolament ta' rettifika.

3. Konklużjoni dwar it-tieni u t-tielet domanda preliminari

82. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda preliminari għandha tkun fis-sens li r-Regolament ta' rettifika li jikkoreġi l-verżjoni lingwistika Rumena tar-RĠEK, moqri fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li dan jista' jiġi infurzat fil-konfront ta' individwi ta' dan l-Istat Membru li bbenefikaw minn miżuri ta' għajnuna mogħtija abbażi tal-verżjoni żbaljata tar-RĠEK qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, b'mod li l-Istat Membru ma jistax jinvokah sabiex jeżiġi l-irkupru ta' din l-għajnuna.

V. Konklużjoni

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău, ir-Rumanija):

1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/452 tal-15 ta' Marzu 2021 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   għandu effett retroattiv, billi l-iżball fil-verżjoni bil-lingwa Rumena li huwa jindika fir-Regolament Nru 651/2014 għandu jitqies li huwa kkoreġut mid-dħul fis-seħħ ta' dan tal-aħħar.

[34] Sentenza tal-20 ta' Settembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-5/89, EU:C:1990:320, punt 16).

2) Ir-Regolament 2021/452, moqri fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jistax jiġi infurzat fil-konfront ta' individwi li, qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, ibbenefikaw minn miżuri ta' għajnuna mogħtija mir-Rumanija abbażi tal-verżjoni bil-lingwa Rumena żbaljata tar-Regolament Nru 651/2014, b'mod li dan l-Istat Membru ma jistax jinvokah sabiex jeżiġi l-irkupru ta' din l-għajnuna.